Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 80/2012/1

**Jane Rocco**
**(appellanti)**

**Vs**

**Victor Zammit u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2015 jiżdiedu l-kliem "u għan-nom ta' Target Furniture Ltd"**
**(appellat)**

12 ta' Lulju 2019.

1. **Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-13 ta' Lulju 2017 li biha ġiet miċħuda talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament tal-intimat mill-fond 27, Qormi Road, Marsa.**

2. Fil-qosor, il-proċeduri fil-prim'istanza żvolġew kif ġej:-

2.1. Permezz ta' rikors preżentat fit-22 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti ppremettiet illi l-intimat jikri mingħandha l-fond numru 27, Qormi Road, Marsa, ġestit bħala ħanut tal-għamara bl-isem '*Target Furniture*'. Tgħid li kienet diġa ppreżentat kawża għall-iżgumbrament tal-intimat peress li niffed il-fond ma' dak ta' terzi (Rik. Nru. 142/2010 fl-istess ismijiet). Tikkontendi li meta l-post inkera fis-17 ta' Marzu 1986, fl-iskrittura ta' lokazzjoni hemm klawżola li l-fond kien mikri ***'ad usu kummerċjali basta mhux ta' "take away" u/ jew "grocer" '***. Madanakollu, fil-pendenza tal-kawża l-oħra l-intimat fetaħ dan il-fond bl-isem *Over the Top Snack Bar* bħala ħanut minn fejn jinxtraw affarijiet tal-ikel u snacks kif ukoll xorb u abbużivament biddel il-bieb u l-istruttura nterna. Tgħid li b'hekk l-intimat reġa' kiser pkundizzjoni oħra tal-kirja li dwarha kien hemm projbizzjoni ċara mniżżla fil-kuntratt ta' lokazzjoni. Talbet għalhekk lill-Bord: (i) jiddikjara li l-intimat kiser kundizzjoni tal-kirja billi fetaħ il-ħanut

bħala ħanut minn fejn jinbiegħu l-affarijiet tal-ikel u snacks kif ukoll xorb, u (ii) jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond 27, Qormi Road, Marsa.

2.2. L-intimat wieġeb[1] li mhux minnu li l-fond ġie mniffed u anké caso mai niffed dan il-fond, huwa ma kisirx il-kondizzjonijiet tal-kirja stante li l-iskrittura tal-kera ma tivvjetaħx milli jagħmel tibdil strutturali fil-fond. L-artikolu 1653 tal-Kodiċi Ċivili dejjem ġie nterpretat illi l-kerrej jisa' dejjem jagħmel alterazzjonijiet li jkunu parzjali u mhux ta' importanza kbira, ma jbiddilx id-destinazzjoni tal-fond, ma jippreġudikax id-drittijiet tas-sid u meta l-alterazzjonijiet ikunu neċessarji jew utli għat-tgawdija tal-post u jista' l-post jiġi ripristinat kif kien qabel meta tispiċċa l-lokazzjoni. Dan kollu huwa mertu tal-każ 142/10 fl-istess ismijiet premessi. Dwar l-użu jikkontendi li l-uniku divjet li għandu huwa li ma jistax juża l-fond bħala '*take away*' jew '*grocer*' iżda l-fond mhux użat bħala tali iżda bħala *snack bar* fejn ħaddiema fl-akkwati jixtru xi toast jew ħobża mal-kafé, té jew *drinks* oħra u jiekluhom fuq il-post. Fil-fond hemm ukoll servizzi sanitarji bil-permessi meħtieġa mill-MEPA, liema servizzi ma kienux ikunu meħtieġa li kieku l-fond kien jintuża bħala '*take away*'. Iżid jgħid li l-fond jinfetaħ regolarment għall-patronaġġ tan-nies u kull xogħol li sar, sar bil-permess tal-MEPA għall-użu kummerċjali tal-istess ħanut.

2.3. B' sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2017, il-Bord li jirregola l-Kera ddeċieda billi ċaħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

3. Ir-rikorrenti appellati <u>u flimkien mar-rikors tal-appell ippreżentat l-iskrittura tal-kera tas-17 ta' Marzu 1986</u>. Abbażi ta' l-aggravju tagħha, talbet lil din il-Qorti:

> '*tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha <u>biss</u> f' dik il-parti fejn il-Bord ordna n-notifika tal-verbal tiegħu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga t-twettieq ta' reat kriminali, tirrevokaha u tħassarha fil-bqija u tgħaddi biex tilqa' t-talba għar-ripreża tal-pussess tal-fond favur ir-rikorrenti Jane Rocco, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Victor Żammit u Target Furniture Limited.*'

4. L-appellat wieġeb li l-appell tar-rikorrenti: (i) għandu jiġi dikjarat deżert ai termini tal-artikolu 936(1) et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġialadarba l-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux fi żmien sena mid-data tal-preżentata tar-rikors ta' l-appell; u li f'kull każ (ii) huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

[1] Fol. 9.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. Din il-Qorti ser tibda billi fl-ewwel lok tindirizza l-preġudizzjali sollevata mill-appellat, ossija, jekk l-appell in diżamina għandux jiġi dikjarat deżert o meno.

6. L-artikolu 963 tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> *'963.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u**, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena**.*
>
> *(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dakin-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, **fil-qorti fi grad ta'appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata**.*
>
> ***(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti <u>għandha</u> għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.***
>
> *(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux ...'*

7. Mill-atti jirriżulta li r-rikors kien preżentat **fil-31 ta' Lulju 2017**. Sar tentattiv ta' notifika fit-2 t'Awissu 2017 iżda r-riferta hi negattiva. L-appell kien appuntat għas-smiegħ għas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018. Dakinhar deher biss iben ir-rikorrenti assistit u l-appell kien differit għan-notifika tal-appellat u għat-trattazzjoni. Fis-seduta sussegwenti tal-14 ta' Diċembru 2018 l-Qorti nnotat li mill-aħħar differiment ma sar ebda tentattiv ieħor ta' notifika tar-rikors tal-appell u l-avviż ta' smiegħ u tat l-aħħar opportunità lill-appellanti tagħmel dan billi, *'jekk wara żewġ tentattivi ta' notifika wara l-ħin legali l-appellata tkun għadha mhux notifikata, in-notifika tkun tista' ssir bl-affissjoni u publikazzjoni skont l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12'.* Il-qorti ddikjarat ukol li jekk l-appellat ikun għadu mhux notifikat, l-appell ikun dikjarat deżert billi kien għadda iktar minn sena mid-data tal-preżentata tal-appell.

8. Fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2019 irriżulta li l-appellat kien għadu mhux notifikat u kien jonqos in-notifika bl-affissjoni u l-publikazzjoni. Dakinhar il-qorti naqset milli tiddikjara l-appell deżert. Il-Qorti għamlitha ċara li *'jekk sas-seduta li jmiss dan ikun għadu ma sarx, l-appell jiġi dikjarat deżert'.* Sussegwentement, l-

appellat ġie notifikat fl-1 ta' Marzu 2019 bil-proċedura tal-affissjoni u effettivament ippreżenta t-tweġiba tiegħu fil-15 ta' Marzu 2019. Dakinhar ingħalqu l-proċeduri bil-miktub.

9. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ma tarax li għandha tordna d-deżerzjoni tal-appell, ġialadarba fis-seduta tat-30 ta' April, 2019 il-proċeduri bil-miktub kienu magħluqa. Id-deżerzjoni mhijiex awtomatika imma teħtieġ digriet tal-qorti (artikolu 963(3) tal-Kap. 12). Hu minnu li fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2019 il-qorti setgħet tagħti digriet li l-appell hu deżert. Pero' jibqa' l-fatt li dak id-digriet ma ngħatax u l-appell kien differit għan-notifika. Imbagħad sas-seduta ta' wara, il-proċeduri bil-miktub kienu magħluqa. Il-qorti hi tal-fehma li f'dak l-istadju ma kellux jingħata digriet ta' deżerżjoni.

10. Imiss għalhekk li jiġu kkunsidrati l-aggravji tal-appellanti. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Bord għad-deċiżjoni appellata kienu s-segwenti:

> *'Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghda titlob ir-ripreza tal-fond minhabba illi (1) l-fond gie mniffed mill-intimat ma' proprjetà ta' terzi minghajr il-kunsens taghha u li (2) l-fond qieghed jintuza ghal skop projbit mill-iskrittura ta' lokazzjoni u cioe qieghed jintuza bhala take away jew grocer.*
>
> *Illi l-intimat jeccepixxi illi (1) tali tniffid huwa permess mil-ligi peress illi l-fond jista' jigi ripristinat facilment fit-tmiem tal-kirja billi l-apertura li saret fil-hajt tigi mbarrata mill-gdid u (2) il-fond ma hux jintuza bhala take away jew grocer izda bhala bar.*
>
> *Illi l-provi migjuba f'din il-kawza huma l-istess bhal fil-kawza rikors numru 142/2010 fl-istess ismijiet deciza llum stess.*
>
> *Illi fl-ewwel lok, fir-rigward tal-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2014, il-Bord jordna komunika tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrenti jigu nvestigati skont il-ligi.*
>
> *Illi fit-tieni lok, l-istess ragunament applikat fil-kawza rikors numru 142/2010 rigward it-tibdil strutturali japplika ghall-kawza odjerna u ghandu jifforma parti integrali minn din l-istess sentenza.*
>
> *Illi kif inhu gia ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna tibdil strutturali li jista' jerga' jigi ripristinat fit-tmiem tal-kirja ma ghandux iwassal ghad-dekadenza tad-dritt tal-inkwilinat, u lanqas ma ghandu jintuza bhala mezz li permezz tieghu s-sid jiehu lura l-pussess ghad-detriment tal-inkwilin.*
>
> *Illi fil-fatt il-fond gie ripristinat fil-mori tal-kawza ghaliex l-apertura giet imbarrata mill-gdid bil-gebel. Dan kif jirrizulta wkoll mir-rapport tal-periti teknici membri tal-Bord a folio 21 et sequitur tal-process.*
>
> *Illi fir-rigward tat-tieni kawzali li l-fond qed jintuza bhala take away jew grocer, ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova. Ma giet esebita l-ebda skrittura tal-lokazzjoni u ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi divjet dwar l-uzu tal-fond mertu tal-kawza.*

*Illi l-intimat jichad li l-fond qieghed jintuza bhala take away jew grocer. Ghall-kuntrarju l-fond qieghed jintuza bhala bar li jilqa' n-nies li hu kuncett differenti minn dak ta' take away fejn in-nies ma jieqfux jieklu fil-fond izda jixtru u jiehdu l-ikel take away maghhom.*

*Illi fil-fatt l-intimat ghamel ukoll l-permess mehtieg mal-Mepa ghal dan il-ghan.*

*Illi dan ma gie kontradett bl-ebda mod mir-rikorrenti u mix-xhieda u provi migjuba minnha.*

*Ghaldaqstant il-Bord qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.'*

11. Permezz tal-aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta li l-Bord m'għamilx analiżi korrett (1) tal-fatti; (2) tal-provi; u (3) tal-konsiderazzjonijiet legali korretti li kellhom isiru.

12. Dwar il-fatti, l-appellanti għamlet riferenza għat-tweġiba tal-appellat fejn iddikjara: *"Illi l-post mhux użat bħala take away jew grocer imma bħala snack bar fejn l-individwi jmorru hemmhekk jixtru l-oġġetti u jiekluhom fil-post u jagħmlu xi toast jew ħobża mal-kafe, te jew drinks oħra li jittieklu fuq il-post mill-ħaddiema li jiffrekwentaw l-akkwati"*. In vista ta' dik id-dikjarazzjoni mhemmx ħtieġa li din il-qorti tagħti ordni dwar il-kopja tal-iskrittura privata li l-appellanti ppreżentat mar-rikors tal-appell.

13. L-appellanti tilmenta ukoll li l-Bord naqas jeżamina sewwa l-provi meta qal li ma nġabitx prova dwar l-użu. Tikkontendi li tali prova tressqet permezz tar-ritratt minnha eżebit li juri tabella mwaħħla mal-fond li taqra' *'Over the Top Snack Bar.'*

14. Il-qorti ma taqbilx. Ir-ritratt li juru l-faċċata tal-fond bit-tabella 'Over the Top Snack Bar', m'hijiex prova li n-negozju li jsir fil-fond hu ta' take away.

15. Jirriżulta li fis-17 ta' Marzu, 1986 il-fond oġġett tal-kawża kien ingħata b'kera lil Edwin Cioffi. Iżda permezz ta' skrittura datata 26 ta' Ottubru tas-sena 2000,[2] dan ta' l-aħħar ċeda l-istess inkwilinat lill-appellat *'taħt l-istess pattijiet u kondizzjonijiet'*. <u>Hemm qbil li fost il-kondizzjonijiet stipulati fl-iskrittura tal-kera tal-1986, li jorbtu ukoll lill-appellat, hemm kundizzjoni li l-fond inkera għall-użu kummerċjali basta **mhux *take away* u/jew *grocer***</u>. Skont iben l-appellanti Manuel Rocco, dan sar għaliex għandhom *'fondi mikrijin għand terzi b'dak il-mestier.*[3] Oriġinarjament, l-appellat kien juża l-fond in kwistjoni bħala ħanut tal-għamara ġestit minn martu, iżda wara din tal-aħħar mietet, l-appellat kien

[2] Fol. 37.
[3] Fol. 30 tal-proċess 142/2010.

għalaq dak in-negozu u applika mal-MEPA[4] għal *change of use* '*from Class 4 to Class 6 snack bar, construction of toilet and fixing of sign'* liema permess ħareġ fil-11 ta' Ġunju 2012[5] u jidher li għadu viġenti.

16. **Mhemmx qbil bejn il-partijiet dwar** jekk l-użu tal-fond bħala '*snack bar'* huwiex ekwivalenti għal *take away*. Skont ma xehed Victor Zammit, wara l-mewt ta' martu kien ta l-fond b'kera lil ċertu Pierre li kien għamillu l-proposta *"... biex inġibu permess biex il-ħanut li kien mikri lili nikrih bħala cafe"*.[6]

17. L-appellanti ssostni li apparti li '*snack bar'* u '*take away*' huma aħwa jew kuġini ta' xulxin, jekk is-sid ivvjeta l-użu bħala *take away,* kemm aktar ivvjeta l-użu bħala *snack bar* fejn l-ikel jiġi kkunsmat ġewwa l-fond stess.

18. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-kundizzjoni kienet li l-fond ma jistax jintuża bħala *take away* jew *grocer*.

19. Għall-qorti *Take away* hu post fejn persuna tidħol, tixtri ikel u/jew xorb u titlaq 'il barra. L-oġġetti li jinxtraw ma jiġux kkunsmati fil-post. Ma saret l-ebda prova li l-fond oġġett tal-kawża qiegħed jintuża b'dak il-mod. Il-kelma *snack bar*, mhijiex l-istess bħal *take away* fejn il-qorti tifhem li persuna tidħol fil-fond u toqgħod fih biex tikkonsma ikel u xorb. L-artikolu 4(g) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.15 stess jipprovdi li *take aways* huma espressament esklużi mill-klassijiet speċifikati fl-Iskeda li tifforma parti mill-istess.

20. L-appellant tkompli tilmenta ukoll dwar il-fatt li l-intimat kiseb permess għal *change of use* mingħand il-MEPA '*b' mezzi illeċiti u għad-detriment*' tagħha meta ffirma l-applikazzjoni għal *change of use* fil-kwalità ta' sid meta effettivament mhuwiex is-sid tal-fond in kwistjoni. Ilmentat bill-fatt li l-Bord ħalla dan kollu għaddej meta fil-fehma tagħha l-Bord kellu l-obbligu li jordna r-ripreża tal-pussess mis-sid fiċ-ċirkostanzi. Argumentat li dan mhux sew speċjalment meta '*fl-istess ħin il-Bord ordna komunika tal-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2014 lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga t-twettieq ta' dan ir-reat.'* Tgħid li din hija inkonsistenza li ma tistax tiġi spjegata jew aċċettata. Kompliet li minħabba l-aġir tal-appellat hija kellha tirrifjuta l-kera mingħandu u b'hekk tinsab privata minn dan il-mezz ta' għixien tagħha.

[4] Fol. 101 et seq. tal-proċess 142/2010 .
[5] Fol. 51 et seq. tal-proċess 142/2010.
[6] Fol. 29.

21. Jibda biex jingħad li l-appellanti ma spjegatx taħt liema kawżali tar-rikors promotur, jaqa' dak l-ilment.

22. Kopja tal-applikazzjoni għal *change of use* tal-fond in kwistjoni tinsab a fol. 101 et seq. tal-proċess numru 142/2010 fl-istess ismijiet. Din saret f'isem l-intimat li a fol. 104 iddikjara '*I am the sole owner of the entire site indicated on the site plan.*' In subizzjoni xehed:[7]

> *'... nispjega li dan il-ħanut iddeċidejt li nikrih peress illi dan kienet tieħu ħsiebu l-mara tiegħi li mardet u mietet u jien iddeċidejt li nikrieh lil ċertu Pierre li kellu ħanut maġembu u niffdu mal-fond in kwistjoni, imbgħad ir-rikorrenti għamlitli proċedura għaliex skont hi niffidt mingħajr il-permess tagħha. Sussegwenti għal din il-proċedura jien erġajt għalaqt il-bieb li kien iniffed iż-żewġ fondi. Pierre, li ma nafx kunjomu, kien infurmani li ġie fl-inkwiet ma sid il-ħanut li kien qed jokkupa hu u għamilli proposta biex inġibu permess biex il-ħanut li kien mikri lili nikrih bħala café. Jiena qbilt miegħu u għidtlu ġib kemm trid permessi basta ġġibhom fuq ismi u bil-kundizzjoni li jien ma kolli x'naqsam xejn għax jien ma kellix ċans noqgħod niġri għall-permessi, huwa ħa ħsieb il-formoli kollha mingħand il-MEPA, kienu ġa mimlijin, talabni niffirma u jien iffirmajt. Hu spjegali illi kont qiegħed niffirma biex inġib permess għal ħanut ta' café u tax-xorb, peró tistaqsinix x'kien għaddej għax ma kellix moħħ ta' xejn għaliex dak kien iż-żmien ta' meta kienet qed tmut il-mara wara marda ta' sentejn u nofs. Jien tajtu l-karti lura dak il-ħin, jien ma nafx naqra. Pierre kien talabni ukoll il-kuntratt tal-ħanut u tajtulu, tajtu ukoll kopja tal-karta tal-identità tiegħi u tal-kuntratt ta' lokazzjoni mikri lili. Mistoqsi mill-Bord jekk nafx li ffirmajt dik il-parti tal-formola fejn jiena niddikjara li jiena s-sid ngħid illi le ma nafx, għalija jiena ffirmajt biex jinġieb permess. Jien ma kelli ebda parteċipazzjoni oħra, la mort il-MEPA, la pprovdejt il-formoli oħra, kull ma naf hu li nħareġ permess. Ngħid ukoll li jien ma kellimt l-ebda periti dwar din il-kwistjoni ...'*

23. L-imsemmi Pierre, li skont il-perit Stephen Psaila[8] jiġi ħu ċertu Johann Cremona li kien inkarigah sabiex jippreżenta l-applikazzjoni għal *change of use*, ma tressaqx bħala xhud. M'hemmx dubju li fl-applikazzjoni ma kellu qatt jiġi dikjarat li l-appellat kien sid il-fond. Iżda bħala stat ta' fatt, wara li l-Awtorita tal-Ippjanar saret taf b'dak li kien ġara (ittra mibgħuta mill-appellanti stess permezz ta' liema talbet ir-revoka tal-permess għal Class 6)[9] bagħtet tinforma lill-appellanti kif ġej:

> '*I refer to your correspondence ... requesting invocation of Article 77 of eh EDP Act in relation to permission PA 00926/11.*
>
> *At its meeting held on the 21st November, 2013 the MEPA Board determined that there is no basis to revoke the permission in line with Article 77 of the Environment and Development Planning Act, 2010.*'[10]

24. Ma jirriżultax li l-appellanti ppropponiet proċeduri sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorita'. Il-fatt jibqa' li l-fond għandu permess tal-Awtorita tal-Ippjanar

---

[7] Fol. 29 *et seq*.
[8] Fol. 24 et seq.
[9] Fol. 50 tal-proċess 142/2010.
[10] Fol. 48 tal-proċess 142/2010.

sabiex jintuża bħala *snack bar*. Il-fatt li l-inkwilin għamel dikjarazzjoni ta' fatt li m'huwiex minnu, m'huwiex biżżejjed sabiex sid il-kera tieħu lura l-pussess tal-fond għal xi raġuni kontemplata fil-liġijiet tal-kera. Diment li l-fond ma jintużax bħala *takeaway* jew *grocer*, l-inkwilin m'għandux bżonn il-permess ta' sid il-kera. Il-prova li l-fond qiegħed jintuża bħala *takeaway* kellha ssir mill-appellanti. Prova li baqgħet ma saritx. Ta' xejn l-appellanti targumenta li l-kelma *takeaway* hi kuġina tal-kelma *snack bar*. Dak hu argument u mhux prova. Sabiex tirnexxi fil-kawżali li seħħ bdil tad-destinazzjoni tal-kirja, l-appellanti kellha ġġib prova li n-negozju kien ta' *takeaway*. It-tabella *Over the Top Snack Bar* m'hijiex prova f'dak is-sens.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-appellata u tiċħad l-appell.**

**L-appellata tagħmel tajjeb għal 10% tal-ispejjeż tal-appell u l-appellanti 90%.**

Anthony Ellul.